**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 37 – L-Erbgħa 19 t'Awwissu 2015 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.20p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Hija qalet li s-Sinjorina Isabelle Taliana, l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ, ma setatx tattendi għal din il-laqgħa għax kienet Għawdex. Is-Sinjorina Taliana nfurmat lis-Sindku li kienet sabet tlett żgħażagħ biex jattendu għall-programm Ħadd Għalik Sajf. Is-Segretarju nfurmat li kient infurmat lis-Sinjorina Taliana fejn għandha tikkuntattja biex tibbukkja għal dawn iż-żgħażagħ. Wara li saru xi korrezzjonijiet mis-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u il-Minority Leader Dr. Marc Sant li kienu ġew

ikkoreġuti, s-Sindku stiednet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi korrezzjonijiet oħra. Peress li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet, fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 36 tas-16 ta' Lulju 2015 ġew aprovati.

## 2. ARISING

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 8.10 tal-Minuti fejn tikkonċerna li l-Kunsill jiltaqa' ma' ta' Drug Squad. Is-Segretarju nfurmat li hemm laqgħa mal-Vice Squad li ser isir fis-26 ta' Awwissu il-Police Headquarters fis-1.00p.m. fejn kien mistieden rappreżentat mill-Kunsill u ser tattendi s-Sindku. F'din il-laqgħa ġew mistiedna l-Kunsilli l-oħra. Is-Segretarju nfurmat li kull xahar id-Drug Squad jistaqsu jekk il-Kunsill jixtieqx jiltaqa' magħhom u propju f'din il-ġimgħa, l-Kunsill irċieva stedina oħra. Il-Kunsill irid jiddeċiedi meta nistgħu nagħmlu din il-laqgħa. Ġie deċiż li l-laqgħa nitolbuha għas-27 t'Awwissu u min ikun jista mill-Kunsilliera jattendi.

2.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk kienetx intbagħtet l-ittra li kellha tintbagħat lill-Ministru Carmelo Abela fuq il-Pulizija. Is-Segretarju qalet li din l-ittra kienet ilha lesta u kienet ġiet *forwarded* lis-Sindku għal l-approvazjoni imma għal xi raġuni din kienet għada ma ntbagħtitx. Ġie deċiż li din tintbagħat minnufih wara li tiġi *forwarded* lill-Kunsilliera.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 8.11 tal-Minuti li tikkonċerna l-attivitajiet kulturali u ħarġiet. Hija qalet li fil-laqgħa l-oħra kienet tkellmet fuq li torganizza attivita' ta' l-Under Water Safari. Hija ivverifikat imma għalissa l-Under WaterSafari huwa wieqaf għax mhux qed ikun hemm konkorenza għalih pero qed jinbiegħ ħafna Comino bil-lunch b'kollox għat-tfal bl-adulti. Il-prezz huwa ta' €17.50 inkluż l-ikel u xorb. L-attivita ssir jekk ikun hemm nies biżżejjed li jibbukkjaw fuq il-lanċa. Ġie deċiż li Lorraine iġib iktar dettalji fuq din l-attivita'. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kompliet titkellem fuq l-attivita' taċ-Ċinema fejn qalet li din marret tajjeb ħafna u min attenda jixtieq li terġa ssir. Hija qalet li bħala prezz kienet tajjeb għax il-Kunsill ma marx minn taħt. It-tfal iridu li anke terġa ssir l-attivita tas-Seabank. Hija qalet li l-prezz ikun bejn wieħed u ieħor xi €14.00 li hija naqra għolja għat-tfal. Jekk il-Kunsill jara li ser imur minn taħt l-attivita ma ssirx. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellemt fuq kif ser jiġu nfurmati l-attivitajiet peress li qed nagħmlu ittra fin-notice boards, l-għaqdiet u l-

każini u bħala avviżi fil-knisja imma meta l-informazzjoni ma tasalx id-dar, mhux kulħadd ikun jaf biha. Hija qed tisuġerixxi li tinbagħat ittra bl-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati jew anke b'telefonata, personalment lil min attenda l-attivita' taċ-Ċinema. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-użu tal-van tal-Kunsill anke peress li l-liġi tgħid li irid ikollok adult ma kull ħdax it-tfal taħt is-sittax il-sena. Jekk jintuża il-van tal-Kunsill, il-Kunsill imur aħjar bħala finanzi. Il-van irid jiġi misjuq minn xi ħadd mill-Kunsill.

## 3. AĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER SERVIZZI TA' ACCOUNTANT

3.1 Is-Segretarju resqet it-tlett tenders li intefgħu għas-servizz ta' Qualified Accountant għall-Kunsill. Dawn it-tenders ġew miftuħa fil-preżenza tas-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, l-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sur Massimo Scerri nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2015 u fil-preżenza anke tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. It-Tlett tenders huma mingħand:

Grant Thornton għal prezz ta' €7363.00
Randell Turner Parker għal prezz ta' €5664.00
Is-Sinjura Marisa Ciappara għal prezz ta' €4531.20

Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fuq dawn it-tenders. Il-Kunsilliera qablu li għal ftit jippreferu li ninpjegaw kumpanija milli xi ħadd waħdu imma irridu naraw x'jista jaffordja l-Kunsill, allura l-Kunsill ma għandux għażla. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk l-Accountant li kellna kienetx tagħmel ix-xogħol kollu hi. Is-Segretarju qalet li din kienet taħdem kollox hi. Is-Segretarju qalet li meta kienet tipprepara xi xogħol hi dejjem kient tibgħatu għand l-Accountant għall-approvazjoni. Is-Sinjorina Cutajar qalet li kienu kellhom isiru entries mill-uffiċċju, l-Accountant kull ma tagħmel hija li tifinaliża l-affarijiet. Is-Segretarju qalet li kieku kien ikollna ninpjegaw skrivana oħra biex tagħmel dan ix-xogħol għax diġa l-uffiċċju qiegħed b'part timer nieqsa. Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li l-Kunsill diga ghandu haddiema iktar milli suppost bil-ligi ghaliex il-popolazzjoni ta' Hal Lija hija mat 3,000 ruh. Is-Sinjoirna Stephanie Cutajar tkellem fuq x'isir xogħol fl-uffiċċju. Is-Segretarju spjegat li x-xoghol fl-uffiċċju ma jieqafx u dejjem hemm xogħol li jibqa pendenti. Hija stiednet lill-Kunsilliera biex jiġu l-uffiċċju biex jaraw b'għajnejhom ix-xogħol li jsir

fl-uffiċċju. Il-Minority Leader Dr.Marc Sant qal li peress li m'għandniex proġetti ta' l-EU, x'jista jkun hemm xogħol x'irid isir fl-ufficcju. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant reġgħa tkellem fuq l-ittra li ma kienetx nbatghet. Is-Segretarju qalet li l-ittri kollha li jiġu deċiżi waqt il-laqgħa jintbagħtu u dan anke taraw mill-feedback li jintbgħat lill-Kunsilliera fuq il-minuti tal-laqgħa. Din l-ittra partikolari għal xi raġuni jew oħra ma ntbatgħitx. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill ix-xogħolijiet li jsiru mill-uffiċċju. Is-Sindku qalet li meta tiġi l-uffiċċju tagħmel dak li jkollha x'tagħmel u titlaq biex ma ittellifniex. Is-Segretarju nfurmat li jiddispjaċieha li x-xogħol ta' l-uffiċċju mhuwiex jiġi apprezzat.

Is-Segretarju qalet li azzjoni fuq kull ħaġa li tiġi deċiża fil-laqgħa tigi attwata u dan il-kunsilliera jistghu jarah fil-feedback li tingħata ta' kull paragrafu tal-minuti. Is-Segretarju qalet li anzi ix-xogħol żdied. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li xorta mhux qed ikun biżżejjed backup tax-xogħolijiet u qed nieħdu l-affarijiet iktar *lightly* u mhux qed ikunu magħrfin fuq l-affarijiet. Is-Segretarju qalet li hija tinforma bil-feedback għal kull laqgħa u anke tibagħat e-mails imma jew iddum biex tieħu tweġiba mingħand il-Kunsilliera jew xi kultant ma teħodha qatt. L-affarijiet urġenti iridu jaslu għand il-Kunsilliera b'mod urġenti b'telefonata u mhux jintbgħatu b'e mail biss. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar batgħet tgħid li fl-uffiċċju hemm problema fuq time management peress li anke kienet tablet informazzjoni li damet ma teħodha tlett ġimgħat u wara li reġgħet staqsiet għaliha, din l-informazzjoni ntbagħet fi żmien tlett ijiem.
Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li hu jhoss li l-ufficcju qed idum fuq certu affarijiet li ilhom ghaddejjin, bhalma huma l-Measure 125 u l-'missing file' tal-Project Manger.
Is-Segretarju nfurmat li fuq il-Missing File tal-Project Manager intbagħtu ħafna e-mails u issa anke sar rapport lill-Pulizija u fuq il-Measure 125 hija baqgħet f'kuntatt mal-Perit u anke mal-Majjistral Action Group u hi ma tarax triq oħra ħlief li nerħu dan il-progett imma l-Kunsill irid jiddeċiedi.

Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet ħadet kontroll tal-laqgħa u staqsiet lill-Kunsilliera biex tittieħed deċiżjoni fuq l-għażla ta' l-Accountant. Is-Segretarju nfurmat li bejn wieħed u ieħor il-Creditors sallum huma ta' €30,000. Dan l-ammont diġa naqas b'ammont

konsiderevoli. Hemm ukoll il-commitment ta' Polidano Bros, li baqa x'jitħallas €88,000 sat -2020.
Is-Sinjoirna Stephanie Cutajar qalet li peress ma naffordjawx dawn l-ammonti tal-Accountant forsi għandna noħroġu tender oħra.
Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li ilu isostni li għandna ningħaqdu ma' Kunsilli oħra biex noħorġu tenders flimkien, b'hekk tonqos l-ispiża.
Ġie deċiż li tintagħżel s-Sinjura Marisa Ciappara għalkemm dan it-tender huwa għoli u l-Kunsill ma jiflaħx għal din l-ispiża żejda.
Għandha tintbagħat il-letter of intent lit-tenderers kollha.

## 4. TENDERS

4.1 Ġie deċiż li it-tenders li għandna biex jinħarġu għandna nikkuntattjaw lill-Kunsilli oħra bħal Ħal Balzan, Mosta, Għargħur u l-Iklin biex naraw jekk ningħaqdux magħhom u noħorġu tender waħda. Is-Segretarju nfurmat li mill-esperjenza kull meta tinħareġ tender dejjem ser tiġi għolja iktar sakemm ma ningħaqdux ma' Kunsill ieħor.

4.2 Fuq il-Waste Collection, is-Segretarju qalet li qabel ma tinħareġ ir-risposta fuq il-kwarela ma nistgħux inwaqqfuh lill-kuntrattur sakemm ma jsirx warning oħra. Dr.Kris Balzan informa li l-kwerela għada quddiem l-Spettur Ferris tal-Crime. Hija nfurmat li l-uffiċċju qed jaħdem biex jiġu ippreparati t-tender documents tal-latrina li ser tiskadi fl-aħħar t'Ottubru. Anke qed tinġabar informazzjoni fuq it-tender documents tad-dawl peress li dawn kienu ġew devoluti mill-Kunsill. Irridu nistaqsu jekk nistgħux noħorġu tender tad-dawl għall-installation biss.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq Korrispondenza nr 0921 mingħand Dr. Angele Vella fuq permessi. Is-Segretarju spjegat li dik kienet fuq il-legal notice li ħarġet fuq il-permessi tal-cranes etc... għax ma kienetx ċara. Hija staqsiet fuq klarifikazzjoni fuq din. Il-konklużjoni hija li għandha niċċarġjaw lil kulħadd €10 jew €15 għax anke Hi-Up tkun obstruction fuq il-bankina. Is-Segretarju qalet li talbet kjarifikazzjoni fuq dan mingħand l-Avukat tad-Dipartiment tal-Kunsill għax la riedet tmur minn taħt għal Kunsill u fl-istess ħin ma xtaqitx tiċċarġja iktar milli suppost.

5.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk il-German Embassy ġewx iħallsu għal scaffolding. Is-Segretarju nfurmat li kemm is-Sindku u kemm l-uffiċċju konna kellimnieh u ġew iħallsu għal permessi.

5.3 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk tajniex risposta lil Dun Mose fuq il-complaint tiegħu fejn hu talab kaxxa safra quddiem il-bieb peress li jkun hemm karozzi ipparkjati. Peress li huwa għandu bankina din il-kaxxa ma tistax isir pero Dun Mose irid jiġi nfurmat.

5.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq korrispondenza nr 0944 fuq il-Bus route il-ġdida f'Ħal Lija. Is-Segretarju nfurmat li l-bus route l-ġdida hija mal-ewwel lot li ħerġin. Hija nfurmat li fuq il-Bus Stops, ġie resident minn Triq Il-Mitħna għax waħħlu pole ta' Bus Stop quddiem id-dar tiegħu. Dan ir-resident ma iridx dan il-pole quddiemu. Is-Segretarju nfurmat li fuq Bus Stops qatt ma ġejna nfurmati. Is-Sinjorina Farrugia qalet li l-Bus Stop kellha tiġi mwaħħla fi Triq Kardinal Ferretti biex ma iddejjaqx residenti. Irridu nikkuntattjaw lit-TM u niċaraw eżatt fejn ser jeħlu l-Bus Stops għax ir-request tal-Kunsill kien minn dejjem li din tgħaddi minn Triq Kardinal Ferretti. Il-Kunsill tkellem anke fuq il-complaint li l-karozza tal-linja ma' tidħolx Ħal Lija il-Ħadd filgħaxija. Din ir-request saret u ġejna nfurmati li din ma tidħolx għax mhux *worthit* tidħol għal tnejn minn nies biss. Għandha ssir request oħra għax huwa inkonvenjent kbir għar-residenti.

5.5 Il-korrispondenza nr 0944 kienet fuq *diversion* tal-karozza tal-linja peress li kienet ser tingħalaq Triq Robert Mifsud Bonnici.

5.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet fuq korrispondenza nr 0957 li hija e-mail minghand s-Sur Tommy Debono tat-TM. Is-Segretarju nfurmat li din hija l-istess bħala l-ittra ta' qabilha li kienet fuq request ta' diversion tal-karozza tal-linja peress li kien ser isir *construction works* fi Triq Robert Mifsud Bonnici minn fejn tghaddi l-karozza tal-linja.

5.7 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq korrispondenza nr 0955 fuq campaign tal-GreenPak. Is-Segretarju nfurmat li din kienet invit għal Awards mill-GreenPak. Għal din l-okkażżjoni attendiet is-

Segretarju Eżekuttiv u hija nfurmat li l-Kunsill ta' Ħal Lija ma ħa l-ebda *award.*

5.8 Il-Minority Leader staqsa fuq korrispondenza nr 0937 fuq vakanza ta' President tar-Reġjun Ċentrali. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li fl-aħħar laqgħa tar-reġjun kien hemm vakanza ta' President u issa nħatar. Hija nfurmat li għal din il-laqgħa hija ma setatx tattendi għax kienet indisposta.

5.9 Il-Minority Leader staqsa fuq korrispondenza nr 0938 li kienet e-mail ta' David Soler fuq laqgħa li kellha ssir tal-Kumitat Konġunt B'Kara. Din kienet laqgħa li tagħlaq kollox minn naħa tal-Kumitat Kongunt. Is-Segretarju nfurmat li fil-Management Letter, l-Awdituri dejjem kienu jiġbdu l-attenzjoni fuq l-Accounts tal-Komunitat Konġunt. Dawn issa qegħdin *in hand* fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq x'għamilna fuq il-ħajt imwaqqa f'Tal-Mirakli fi Triq Annibale Preca. Is-Segetarju nfurmat li hija kellha tiċekkja ta' min hu dan il-ħajt. Hija qalet li dan il-ħajt kien ta' xi residenti. Għandna nistaqsu l-ewwel jekk għadux tagħhom. Is-Segretarju nfurmat li peress li ma konniex nafu ta' min hu ntbagħtet e-mail bir-ritratti lill-Pulizija.

5.11 Il-Minoirty Leader, Dr.Marc Sant qal li kien ġie deċiż li f'kull laqgħa tibda tingħata redikont tad-dħul tal-Kunsill mill-permessi etc. Is-Segretarju nfurmat li hija kienet infurmat l-uffiċċju biex din tibda ssir u ser tenfażżizza fuqha pero qalet din kienet diġa ntbagħtet lilu xi drabi.

5.12 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk kienx hemm leave ta' l-istaff dan l-aħħar għax qalet li imbagħad ngħidu li ma nistgħux inlaħħqu max-xogħol. Is-Segretarju qalet li ma tistax twaqqaf il-leave. Is-Sindku u s-Sinjorina Lorraine Farrugia qablet ma dan. Is-Segretarju nfurmat fejn kien hemm bżonn waqfet il-leave speċjalment għal żmien il-Festa.

## 6. VIP LIST

6.1 Il-Kumitat Festi Esterni jixtieq jagħmlu request biex ikollhom permess li jagħmlu 2 bollards quddiem il-maħżen ta' l-għarmar fi Triq il-Kbira

għal tlett xhur bejn Mejju u Awwissu. Dan qegħdin jitolbuh għaliex għalkemm ikun hemm signs ta' No Parking bl-arma tal-Kunsill xorta waħda jipparkjaw. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u ġie deċiż li għandna napplikaw mat-TM fuq dan ir-request

6.2 Request mingħand il-Bar San Pio X fejn xtaqu jagħmlu request (suġġeriment) biex isir skip ħdejn ir-rampa taz-zuntier fejn ATM tal-BOV biex il-ħmieġ li jħallu warajhom in-nies filgħaxija jarmuh f'dan l-skip. Hu qal li kieku jieħu ħsiebha hu. Għandha ssir iktar klarifikazzjoni għal dan ir-request għax l-iskip ma tistax isir ħdejn ir-rampa. Kien hemm min issuġerixxa li din issir ħdejn il-latrina. Is-Sindku qalet li fejn ikun hemm skip ikun hemm iktar ħmieġ. Kull każin għandu jkollhu skips hu u jaqfilhom bil-katnazz. Din ir-request ma ġietx approvata peress li l-iskips dejjem jiġu użati b'mod abbużiv

6.3 Is-Segretarju nfurmat li fuq l-ilment tal-Każin tal-Labour fejn is-Sinjorina Lorraine Farrugia u l-Kunsill kellu jerġa jitkellem magħhom għax qed joħorġu ż-żibel tagħhom minn bil-lejl. Is-Segretarju nfumat li kellimniehom u huma ammettew li għal żmien il-festa huma veru kienu qed joħorġu l-skart minn filgħaxija. Huma nfurmawna li din mhux ser terġa tiġri. Is-Sinjorina Stephnie Cutajar qalet li dan ma kienx qed isir biss fi żmien il-Festa.

6.4 Is-Segretarju pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-Invoice tal-Camray għax- xogħol li sar fuq il-Culvert ta' Transfiguration Avenue c/w Triq Giovanni Barbara. Is-Segretarju staqsiet lill-Minority Leader Dr. Marc Sant fuq il-kont peress li kien hemm *additional works* f'dan il-Culvert. Is-Segrtarju staqsiet jekk l-HSBC bħala sponsor huwiex ser iħallas il-kont kollhu. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li xogħol li għandhom jagħmlu l-ħaddiema biex nibdew niġbdu l-ilma ser isir nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu meta Michael jidħol mill-leave. Għandna ngħaddu ritratti tax-xogħolijiet li saru fuq dan il-Culvert lill-Dr. Marc Sant biex dawn imorru għand l-HSBC. Dr. Sant qal li ser jitkellem ma l-HSBC biex l-kont jitħallas kollu minnhom. Għandna tintbagħat kopja ta' l-invoice tal-Camray lill-Dr. Marc Sant b'e-mail. Is-Segretarju nfurmat li sadanitant l-ELC għandhom qed jagħtuna l-ilma għat-tisqija b'xejn.

6.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li għandhom jinżebgħu ukoll il-bankijiet ta' ħdejn il-Madonna.

6.6 Is-Segretarju ressqet għal informazzjoni tal-Kunsilliera, rigward applikazzjonijiet ġodda tal-MEPA li daħlu mill-aħħar laqgħa fosthom il-PA02822/15 Proposed Boutique. Is-Sindku nfurmat li bħala Kunsill iltqajna mal-Periti tal-Proġett u l-Perit tal-Kunsill fejn tressqu il-Pjanti

tal-Proġett. Il-Kunsill ressaq ukoll l-ilmenti kollha tar-residenti. Il-Perit tal-Kunsill ser jagħmel oġġezzjoni għan-nom tal-Kunsill skond il-kummenti u l-oġġezzjonijiet tar-residenti fuq dan il-proġett. Peress li żmien huwa qasir u għandna sal-25 ta' Awwissu biex noġġezzjonaw ser isir l-ittra ta' oġġezzjoni imbagħad wara ssir laqgħa mar-residenti fejn nitolbu lill-periti tal-proġett biex jiġu u jispjegaw lin-nies dan il-proġett u jirrispondi għad-domandi li jkollhom ir-residenti. Jekk ikun hemm iktar oġġezzjonijiet ssir ittra oħra ta' oġġezzjoni lill-MEPA. Il-Kunsill ser ikun *registered objector.* Għandna ninfurmaw lil kull min jistaqsi fuq dan il-proġett li l-Kunsill ma jistax iwaqqaf dan il-proġett jekk jiġi approvat mill-MEPA.

Tentative date għall-laqgħa mal-pubbliku hija fit-2 ta' Settembru 2015 fis-6.00p.m. Għandha ssir ċirkulari bħas-soltu fil-każini, għaqdiet, ħwienet, notice-boards u anke bħala avviż biex javża il-kappillan fil-quddies u facebook. Bħala venue ġie deċiż li għandna nistaqsu lill-Headmistress ta' l-iskola Primarja. L-avviż irid ikunu jafu bih ir-residenti kollha ta' Ħal Lija. Għandhom jiġu nfurmati l-Perit Mark Montebelle għan-naħa tal-Proġett u jekk ikun hemm bżonn nitolbu lill-Perit Jonathan Grech minn naħa tal-Kunsill.
Is-Segretarju kompliet tinforma lill-Kunsill b' iktar applikazzjonjiet ġodda mill-MEPA fosthom applikazzjoni ta' Dance Studio fi Triq Pawlu Galea. Għandu jiġi konsultat il-Perit li l-Kunsill ikun interested party għal din l-applikazzjoni u li irid ikun hemm *sound absorbing material*, minħabba l-istorbju. Problemi ta' parking m'hemmx daqshekk hemmek. Applikazzjoni oħra hija tas-Sur Joseph Mangion. Dawn l-applikazzjoniet huma għal informazzjoni tal-Kunsill.

6.7 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li irċevejna e-mail mingħand il-Majjistral Action Group li sa l-aħħar tal-ġimgħa riedu risposta jekk il-Kunsill hux ser ikompli bil-proġett Measure 125.

6.8 Peress li fondi fuq dan il-proġett huma ta' € 27,000 u t-tender kienet ser tiġi tiswa €44,000, is-Segretarju staqsiet, kif kien ġie deċiż, jekk inkunux nistgħu napplikaw għal kumplament ta' 20%. Hija nfurmat li l-Kunsill ma jistax japplika għal dawn il-fondi. Is-Sindku qalet li jiddispjaċiha li ma nistgħux inaqqsu l-area u naħdmu bil-fondi li ser jagħtuna. Is-Segretarju staqsiet lis-Sinjoirna Stephanie Cutajar jekk tridx titkellem hi ma' Clayton bħala periti tal-Kunsill għax huwa baqa issostni li t-tender li ħarġet, tgħid eżatt bħal ma l-Kunsill issuġġerixxa. Barra minnhekk din it-tender ħarġet is-sena l-oħra allura issa trid issir tender oħra. Is-Sinjorina Cutajar kompliet tgħid li l-Kunsill ħa €27,000 għax il-BOQ saret mill-perit tal-Gvern, li kien ġie imqabbad mill-Majjistral Action Group. Ġie deċiż li niċċekkjaw il-BOQ tal-Perit ta' qabel u nerġgħu nitkellmu mal-Perit. Wara dan il-Kunsill ser jiddeċiedli li l-proġett mhux ser isir.

6.9 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat li hemm skemi oħra li ser joħorġu imma irridu inkunu *on the alert* biex napplikaw mill-ewwel.

6.10 Is-Segretarju nfurmat li peress li l-Kunsill kien enfażizza li ma kienx tħallas ir-renewal fee tal-Majjistral Action Group, meta iċċekkjat ġiet infurmata li l-invoices għadhom l-anqas biss għadhom inħarġu.

6.11 Is-Segretarju nfurmat li d-Dipartiment bagħat e-mail bl-applikazzjoni biex il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni ta' ħdejn it-tennis court biex jinbnew l-uffiċċini Amministrartivi tiegħu. Din intbagħtet bħala e-mail lill-Kunsilliera kollha. Is-Segretarju nfurmat li f'din l-applikazzjoni d-Dipartiment irid ikun jaf fuq xi flus li għandna fl-idejna, flus fil-banek etc. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa li l-ewwel trid tiġi imħejjija pjanta tal-proġett. Ġie deċiż li għandna nistaqsu lill-Perit il-ħlas tal-pjanta tal-Kunsill bl-*eminities* li kien ġie deċiż li isiru bħal post office, Social Services u xi fergħa ta' Bank. Wara li jagħtina stima niltaqgħu miegħu u ngħidulu li forsi nistgħu nagħmlu l-istess arrangament bħal ma ser nagħmlu għal l-isqaqien, li jekk ma jkunx għadu l-perit eżistenti, xorta ikun proġett li jitkompla minnu. Kompliet id-diskussjoni fuq jekk il-Kunsill, fis-sitwazzjoni finanzjarja li qiegħed ikunx jista jibni l-uffiċċini tiegħu anke għal fatt li biex tittieħed loan mill-bank irid ikun hemm xi ħadd li jagħmlilna *guarantee*.

6.12 Fuq it-tabelli tal-ħwienet, is-Segretarju nfurmat li wara li reġgħu intbagħtu l-ittri biex iħallsu tat-tabelli tal-ħwienet li qegħdin imwaħħlin fir-raħal, issa l-Kunsill mhux ħa jkollu alternattiva oħra ħlief li jaqla dawn it-tabelli. Hija qalet li propjetarju ta' ħanut minnhom ġie l-uffiċċju biex jara kemm irid iħallas. Hija nfurmatu li ir-rati tal-ħlas huma fl-ittra stess.

6.13 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa fuq il-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Segretarju nfurmat li din il-problema ilha snin u qatt ma ġiet solvuta.

6.14 Request mingħand resident li talab biex jsiru double yellow lines fi Triq Sant'Andrija quddiem il-hairdresser għax qed jipparkjaw ħafna karozzi. Dawk li jkunu ġejjin minn Triq Sant'Andrija bil-karozzi ipparkjati ma jarawx u jibqaw ħerġin u jkunu ser jaħbtu f'dawk li ġejjin minn Triq il-Kbira. Ġie deċiż li għandna tintbagħat request lit-TM b'e-form u meta jerġa jiġi s-Sur Muscat imorru fuq il-post.

6.15 Is-Sinjorina Strephanie Cutajar staqsiet jekk jistax isir motorcycle bay ħdejn Sant'Andrija mad-dar ta' resident partikolari. Dan ir-request għandu jintbagħat lit-TM

6.16 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill irċieva mid-Dipartiment fuq il-Procurement of Workstations – Public Services Online. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li dan l-aħħar l-iskrivana tal-Kunsill marret Course fuq public services online fejn il-MITA qed tħeġġeġ lill-pubbliku li jiġu għal xi servizz fl-uffiċċju tal-Kunsill, jitħajru biex minflokk l-Kunsill japplikawlhom, japplikaw huma 'on line'. Id-Dipartiment sabu sponsors għal xi ħdax il-laptop. Huma qed jistaqsu jekk il-Kunsill

huwiex interessat li jagħti dan is-servizz ġo Ħal Lija peress li iridu jiġu magħżula ħdax il-Kunsill. Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fuq kif dan jista jiġi imwettaq fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dan jista' jsir anke b'appointment mar-residenti. Is-Segretarju qalet li min ġie biex japplika xi ħaġa 'on line' fl-uffiċċju tal-Kunsill sinjal li ma jkunx intiż fuq Computer id-dar allura ser jinħela iktar ħin mill-istaff biex nuru lil dawn in-nies kif japplikkaw. Ir-residenti li jiġu l-Kunsill jiġu biex jinqdew mill-Kunsill u mhux biex japplikaw huma. Is-Sur Massimno Scerri u Kunsilliera qallu li x-xogħol ser jiżdied għal Kunsill. Kunsilliera staqsew jekk nistgħux nibdewha, naraw kif taħdem u fil-kas inwaqqfuha. Huma staqsew ukoll minn ser jirriklama dan il-proġett lir-residenti, peress li d-Dipartiment iridu risposta sal-31 ta' Awwissu, ser ngħidlu li l-Kunsill interessat imma irridu iktar informazzjoni anke jirrikjedi biex navżaw lill-pubbliku fuqha.

6.17 Is-Sindku resqet request fuq żewġ requests ta' patching, wieħed li ilhu jistenna ħames snin għal patching fi Triq Giovanni Barbara c/w Triq Daniel Sammut u l-ieħor fi Triq Il-Forn flimkien ma xi lines li ġew approvti mit-TM u iż-żewġ bankini ta' Annibale Preca Street. Dawn għandhom isiru u jitħallsu mill-fondi ta' l-LES bħala proġett. Dawn iż-żewġ bankini fl-aħħar ser isiru din il-ġimgħa,

6.18 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li faċċata tad-dar tiegħu fejn jinġibed l-ilma, għandu jerġa jinqata' l-ħaxix dak li kien diġa nqata mill-ġardinar ftit ilu imma reġgħa kiber. Huwa qal li għandu jsir tarmac ukoll fuq biċċa area żgħira ħdejh għax iżomm l-ilma.

6.19 Fuq il-patching ta' Triq il-Forn, ir-residenta trid li l-patching isir kif kien qal il-Perit. Għandna nistaqsu lill-Perit fejn kien issuġerixxa lir-residenta li jsir għax meta l-Kuntrattur kien mar mal-Contracts Manager fuq din il-biċċa xogħol, l-area kienet ħafna iżgħar. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, qalet li ser jinqala l-inkwiet jekk isir din il-biċċa xogħol peress li meta saret Triq Id-Dejqa konna irrifjutajna li titkompla biċċa quddiem ir-residenti għax konna qednielhom li ma kienetx ipprogramata li ssir. Jekk issa ser nagħmlu dan il-patching li qed nitkellmu fuqu ser naqilgħu ħafna nkwiet.

6.20 Is-Segretarju tkellmet fuq l-email li kienet waslet mill-Avukat Dr. Kris Balzan fuq PA-02011/13 dik tal-Windmill Cottage. Din kienet intbagħtet lill-Kunsill kollu ukoll. Dan kien rapport li kien intbagħat mill-MEPA fejn il-permess kien ġie irrifjutat.

## 7. SKEDA TA' PAGAMENTI

7.1 Is-Segretarju resqet lista ta' pagamenti mis-16 ta' Lulju 2015 sa 19 t'Awwissu 2015. Il-Minority Leader Dr.Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-Pagamenti numru 1 u 2, tal-Waste Collection Ltd. għax xahar ta' Ġunju 2015.

Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq pagament numru 10 u 11 dawk tal-Wasteserv Malta Ltd IRO ta' Frar u Marzu 2015. Is-Segretarju spjegat li dawn il-pagamenti huma meta il-kuntratturi jarmu il-Waste.
Il-Minoirtty Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq pagament nr 35 dak ta' Victor Bonavia għal Water Bowzer. Is-Segretarju kkonfermat li dan il-Water Bowzer kien għal Water Bowzer fejn intefa' l-ilma minħabba il-proġett tal-Culvert li sar mill-Camray fi Triq Giovanni Barbara c/w ma' Vjal it-Trasfigurazzjoni biex jiġi iċċekkjat jekk il-proġett kienx irnexxa jew le.
Fuq il-pagamenti tal-Kuntrattur Charlo Grech dwar ix-xogħol li sar fi Triq Id-Dejqa, s-Segretarju spjegat li l-flus qegħdin għand l-Accounts Department tal-MEPA u biex meta jaslu inkunu nistgħu nagħddu l-pagament mill-ewwel lill-Kunttrattur.
Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li il-Projects Manager qed jitlob il-parti tal-4% fuq il-patching li kien għamel l-ELLS peress li meta sar l-ewwel pagament konna ħallasnieh. Is-Segretarju nfurmat li huwa kien jitla jiċċekkja x-xogħolijiet imma ma jistax jiċċertifika x-xogħolijiet. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-Kunsill ma jistax iħallasu jekk l-anqas kuntratt m'għandu.
Is-Sinjorina Staphanie Cutajar staqsiet fuq iż-żewġ kontijiet tal-MITA. Is-Segretarju qalet li wieħed huma l-email accounts ta' l-istaff u l-Kunsilliera u l-ieħor huwa l-*Wide Area Connectivity*. Għandu jiġi iċċekkjat mal-MITA biex jivverifikaw dan il-kont.
Is-Sinjorina staqsiet fuq il-kont ta' l-OZONE għax-xahar ta' April għax qalet li qed jiġi għoli. Is-Segretarju spjegat breakdown ta' dan il-kont peress li suppost issa qed jintuża l-mobile tal-Kunsill. Għandu jiġi ikkuntatjat l-OZONE biex naraw x'inhi Wi-Fi fuq il-kont tat-telephone ukoll.
Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondata mis-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, il-pagamenti ġew approvati.

8. MISSING FILE TAL-CONTRACTS MANAGER

Is-Segretarju tat update fuq x'ġara mill-missing file tal-Contracts Manager. Hija qalet li dakinhar l-Erbgħa 19 t'Awwissu hija flimkien mas-Sindku marru l-Għassa ta' B'Kara biex isir rapport ta' dan il-Missing File. Hija kompliet tispjega li dan il-missing file kien l-uffiċċju tal-Kunsill biss meta infetħet it-tenders li għaliha kien hemm is-Sinjorina Lorraine Farrugia u il-Minority Leader Dr. Marc Sant preżenti flimkien ma l-Aġenta Segretarju ta' dak iż-żmien s-Sinjoirina Gabriella Agius fit-13 ta' Novembru 2013. Hija kompliet tgħid li din l-informazzjoni kienet skond x'semgħet peress li f'dak iż-żmien hija kienet rikoverata l-Isptar. Din it-tender li dak iż-żmien kull tender kienet tmur għand l-aġudikattur Mr. Chris Pullicino qatt ma giet adjudikata minnu. Prova ta' dan għandna e-mail bil-miktub minn għandu fejn stqarr li huwa qatt ma ra il-file u l-anqas ma aġudikah. F'Novembru 2013 il-Kunsill approva lis-Sur Dennis Incorvaja bħala Contracts Manager tal-Kunsill. Fl-10 ta' Diċembru 2013 saret l-Acceptance letter mill-Kunsill għal Contracts Manager. Sadanitant l-iskrivana tal-Kunsill dak iż-żmien kienet kitbet lil Aġent Segretarju tal-Kunsill biex tgħidilha li l-kuntratt tal-Contracts Manager ma setatx tagħmlu peress li t-tender documents kienu missing. Fi Frar tat-2014 sar l-Audit IRO Diċembru 2013 u l-Awdituri talbu dan il-file. L-iskrivana qed tgħid li hija talbet il-File lil Aġent Segretarju Eżekuttiv u din wieġbet li hi kellha tibgħat id-dokumenti b-email lill-Awdituri. (Din l-istatement qed tgħidha l-iskrivana li kienet qed taħdem fil-Kunsill dak iż-żmien pero l-email fuq dan għada ma nstabitx, pero l-iskrivana lesta li tieħu ġurament fuq dan). Dan il-file baqa qatt ma nstabx sallum il-ġurnata. Is-Segretarju staqsiet lill-Kunsill kif ser nipproċedu fuq il-Missing File tal-Contracts Manager issa wara li sar ir-rapprot tal-Pulizija pero ma kienx hemm risposta. Is-Segretarju

stqarret li iddejqet ħafna issemmi ismijiet fuq dan il-każ lill-Pulizija. Lill-pulizija qegħdnilhom li l-Kunsill baqa jittama li dan jinstab għalhekk domna ħafna biex sar rapport. Dan ir-rapport għandu jinġabar tlett ijiem oħra.

## 9. DATA TAL-LAQGĦA

9.1 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li imiss tkun nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fil-5.00p.m.

## 10. ILMENTI MILL-KUNSILLIERA

10.1 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk tistax ssir bollard ħdejn fi Triq il-Forn. Is-Segretarju nfurmat li kemm il-darba tkellmet mar-residenti li qed jipparkjaw ħażin fi Triq Il-Forn. Għandha ssir *deleanter* tal-plastic minnufih peress li l-Kunsill għandu waħda *in stock*. Għandna nitkellmu ma' Stephanie biex tgħidilna fejn għandha teħel din id-*deleanter*.

10.2 Il-Minority Leader staqsa fuq l-attivita li ser issir fuq il-Waste Reduction u staqsa lill-Kunsill jekk għandix nieħdu sehem f'din l-attivita. L-email rigward din l-attivita għandha tintbagħat lill-Kunsilliera kollha. Ġie deċiż li terġa isir l-attivita fejn jerġgħu jinġabru l-ħwejjeġ użati għar-recycling. Dawn jinġabru mic-charity shops.

10.3 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment li għandu jitressaq dwar ħsara li sar fuq tyre ta' karozza fi Triq Annibale Preca. Is-Segretarju nfurmat li ma kien daħal ebda ilment fuq dan pero jekk jidħol dan mhux ser jitħallas kif kien ġie deċiż f'laqgħat preċidenti. Is-Sindku qalet li din kienet manuvra ħażina tad-driver pero irid isir rapport mir-resident lill-Pulizija.

10.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq in-name plate ta' Triq Annibale Preca. Din kellha tiġi ornata u issa tista titwaħħal. Is-Sindku qalet li in-name plate ta' ħdejn Mangion mhiex qeda imwaħħla sewwa. Għandhom jintbagħtu l-ħaddiema biex jiċċekkjaw

**11. TMIEM**

Is-Seduta imtemmet fit-8.00 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |